

# IL-KTIEB TAL-PROFETA ISAIJA

*Mons Lawrenz Sciberras*

L-ewwel frażi mimlija realtajiet li ngħatat u applikawha lil Isaija profeta hija għaliex isejħulu "il-prinċep tal-profeti". U huma ħafna r-raġunamenti u l-argumenti anke teoloġiċi li jsaħħaħ bil-qawwa kollha din l-espressjoni favur dan in-nabiħ li ħajtu kważi kollha qattagħha Ġerusalemm qrib it-tempju. Verament huwa profeta għaliex għallem bil-kuraġġ kollu quddiem kull forma ta' awtorità, (Għużżija, Ġotam, Aħaż, u Ħeżekija) kollha slaten f'Ġerusalemm, huwa bassâr li jbassar il-ġejjieni, u hawn bil-fors li nfakkru fil-ktieb hekk imsejjaħ ta' l-Emamweli, ( kap 7 – 12); u xejn anqas fl-erba' għanjiet hekk imsejħin tal-Qaddej ta' Jaħweh, u mgħallem moralista li jargumenta dejjem u favur id-dekalogu kollu, wkoll meta kellu jġarrab tbatijiet biex jiddefendi tagħlimu. U dan l-aktar meta Isaija ġie biex jitkellem mis-sagrifiċji li jsiru ta' kull jum fil-maqdes ta' Ġerusalemm. Debħiet li quddiem Alla ma kienu jfissru assolutament xejn. "Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq" (Is 1,11). Iva għalhekk huwa tassew il-"prinċep tal-profeti".

Isaija huwa wkoll il-profeta ta' l-Avvent Kristjan. Matul dan iż-żmien partikulari daqskemm qawwi għal-liturġija ta' stennija u ta' tama ħerqana, dejjem wieħed jisma' siltiet meħudin mill-ktieb ta' dan il-profeta. Iva Isaija huwa kważi bħal dak l-"mgħallem" li ħawwel u nibbet forma ta' skola profetika tant li bosta kitbiet iġibu l-isem ta' dan il-bniedem. Dan il-ktieb sħiħ idomm fih 16.930 kelma bl-Ebrajk, kważi wieħed mis-sitta tat-Testment il-Qadim kollu. Altru mela li l-persuna ta' dan il-bniedem hija importanti u tinħass kemm fil-kotba tat-Testment il-Qadim kif ukoll fit-Testment il-Ġdid.

Il-biblista Betlemita San Ġirolmu donnu wkoll kellu u wera ġibda u simpatija partikulari lejn dan il-profeta. Tant li Ġirolmu isejjaħ lil Isaija "l-ewwel fost l-evanġelisti". U dan għaliex Isaija huwa l-ewwel fost l-aġġografi li jgħallem tant dwar it-Testment il-Ġdid u xejn anqas dwar l-Emanweli, Alla magħna. Dan huwa sinjal tal-qrubija tat-tagħlim ta' Isaija lejn u mal-poplu.



Huwa wkoll "evanġelista" dejjem skont San Ġirolmu, għaliex il-ktieb idomm fih erba' għanjiet li kollha jitkellmu u jiddeskrivu ċ-ċaħdiet, it-tbatijiet u d-destin anke glorjuż tal-qaddej ta' Jaħweh. Dan huwa ktieb uniku li jiġbor fih tant u tant tagħlim, twissijiet u rakkomandazzjonijiet imseħbin ma' siltiet ta' poeżija tant għanja.

## Medda wiesgħa' ħafna

Minn studju intern tal-ktieb, il-konklużjoni ta' l-istudjużi ta' l-Iskrittura hija waħda soda ħafna: dan il-ktieb mhux opra ta' awtur wieħed waħdu, imma pjuttost hemm oħrajn. Huwa opra letterarju għanja ħafna li l-medda tiegħu hija waħda wiesgħa' wkoll, għaliex tibda mit-theddid tal-profeta lil Ġerusalemm madwar is-sena 740 qabel Kristu.

Wara hemm id-deżolazzjoni qawwija ta' l-itturufnati fl-eżilju tal-Babilonja, nies bħal ebda tama li xi darba jirritornaw. L-akbar dwejjeq u hemm li ħassewh għaliex 'il bogħod mill-belt il-qaddisa u xejn anqas mit-tempju, fejn Alla kien għażel biex joqgħod fosthom. In-numru ta' debħiet li ta' kull jum jinħarqu lil Alla għebu għal kollox. Il-ġemgħat ta' pellegrini il kienu jitilgħu Ġerusalemm matul it-tliet festi "kbar", jgħannu s-salmu u mimlijin b'kull kwalità



taġid u ikel, flimkien ma' fwejjaħ u żjut fini, u fl-istess waqt mimlijin ferħ jgħannu numru ta' salmi, issa dan għeb għal kollox!!! "Kif nistgħu ngħannu l-għana tal-Mulej f'art barranija?' (Salm 137,4).

Fl-aħħar imbagħad il-paġna tinqaleb għaliex l-eżiljati donnu jaqa' fuqhom raġġ qawwi ta' dawl ta' ritorn lejn art twelidhom. Dan kollu se jseħħ grazzi għal Ċiru "il-midluk tal-Mulej" (Is 45,1). Naturalment il-krib u x-xewqa għalenija lejn il-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm ma jonqsux! "Ifirħu lil Ġerusalemm, thennew biha, intom ilkoll ħbieb tagħha! Bħalma omm tfarraġ lil

binha, hekk jiena nfarraġ lilkom u f'Ġerusalemm titfarrġu" (Is 66, 10. 13). Kliem ta' solliev u kuraġġ lil kull min jgħidhom u jaħseb dwarhom.

Lil dan Alla li jista' kollox, Isaija jsejjaħlu "il-qaddis ta' Israel". Din hija espressjoni tassew qawwija daqskemm important. Isaija jiktibha tmienja u għoxrin darba; fil-waqt li fil-bqija tal-Bibbja din hija miktuba biss ħames darbiet oħra. Ma' dan il-"qaddis" Isaija jorbot bil-qawwa kollha l-idea ta' "fdal", minkejja li jkun għadda min-nar imma dejjem jibqa' hemm biex jerġa' inibbet il-ħajja. Dan il-fdal Isaija jurih bħala wieħed li jnaddaf u meta hemm il-bżonn jikkastiga wkoll.

## L-għadd kbir ta' debħiet

Isaija twieled fil-belt ta' Ġerusalemm madwar is-snin 770 – 765. Kien ta' familja aristokratika ħafna. Il-profeta l-fatt li kien imħaxken sew mat-tempju, u jara b'għajnejn stess in-numru kbir ta' kuljum ta' offerti li jsiru fuq l-artal imħejji apposta għal dan il-għan. Fl-istess waqt Isaija kien ukoll imiss b'idejh u jara l-inġustizzi magħmulin mal-fqir, ma' l-armla u ma' l-iltim. Għalhekk dan il-bniedem imnebbaħ minn Alla bil-fors li kellu jwassal il-messaġġ tiegħu iebes ma' min jistrieħ fuq id-debħiet mingħajr qatt ma jbiddel ħajtu, anzi ikompli jisloħ il-batut u l-fqir. "X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom? Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad, u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u ta' l-imtaten ma jogħġobnix" (Is 1,11).

Fil-bidu ta' dan il-ktieb, il-profeta jagħmel riferenza waħdanija għar-ras iebsa ta' ġensu stess, minkejja li dawn raw tant għeġubijiet kollha seħħew favur tiegħu u miegħu. Il-profeta dejjem biex jgħallem jfakkar fi ġrajjiet l-aktar naturali: L-istess natura tagħraf u tweġġaħ lil sidha, imma il-poplu magħżul dak li mess b'idejh tant għeġubijiet kollha favur tiegħu speċjallment fid-deżert tas-Sinaj, baqa' rasu iebsa u stinat. "Il-gendus jagħraf lil sidu, u l-ħmar il-maxtura ta' sidu; imma Israel ma jagħrafx, il-poplu tiegħi ma jifhimx" (Is 1,3).

Mal-mixja taż-żmien dan il-kliem daħal b'saħħa kbira fix-xena tal-Milied. Huwa l-uniku kliem fil-Bibbja,



li nqla minn hawn biex qiegħdu u waħħdu din ix-xena tal-gendus u l-ħmar f'kull xena tal-Milied. Biss dan il-kliem ta' rifjut iqiegħed it-ton sħiħ tal-ktieb kollu ta' Isaija.

## Temperamenti differenti

Isaija huwa bniedem kolt. Għandu tagħrif wiesa' ħafna, u dan kemm dwar l-istorja tal-qedem ta' ġensu, kif ukoll dwar dak li kien jiġri quddiem għajnejh fit-tempju. Anke l-istess vokabularju tiegħu huwa wieħed għani ħafna. U dan il-vokabularju qiegħed f'kull taqsima soċjali u reliġjuża tal-ħajja ta' kuljum. Mela l-biedja, is-sajd, il-ħajja tad-dar, l-liturġija fil-maqdes u l-kwalitajiet ta' ħwejjeġ u tiżjin li jxiddu in-nies f'okkażjonijiet differenti. Kollox juri kemm Isaija huwa bniedem kolt.

Ċertu kliem tekniku u preċiż fi żminijietna naqas u naqas sew!!!. Isaija jsemmi il-girna, il-bħajra, il-moħriet, il-midra, il-luħ, l-imgħażqa, l-lexxuna u l-fies, l-imterqa u l-baqqun, il-madmad, il-bir, l-ispiera, t-tarjola fuq il-bir,il-ħerża, il-qana ta' l-ilma u l-ġiebja. Isemmi il-ħitan tas-sejjieħ, il-għarix f'nofs għalqa bil-bettieħ u dullieħ. Naturalment ma jonqsux l-għelieqi mimlijin dwieli u siġar taż-żebbuġ, flimkien mal-qamħ u x-xgħir. Jitkellem mis-slajjen ta' bejn għalqa u oħra, u l-konsegwenzi kbar ta' min jaqlagħhom biex ikabbar il-biċċa għalqa tiegħu, fi kliem morali jkun qed jisraq bil-pulit.

Ukoll fil-ħwejjeġ tal-ħajja tad-dar; Il-profeta jsemmi ix-xalpi tal-filoxx, ilbies tal-għażel u tal-kremżi, isemmi it-turbant tal-għażel jekk mhux ukoll tal-ħarir, it-triehi minsuġin min-newl tal-qoton ismar, l-imsielet, iċ-ċrieket,il-ħwietel, il-barbazzoli u l-bqija.

Jaf iwassal il-messaġġ tiegħu bi kliem u espressjonijiet ħelwin u pjaċevoli imma wkoll bi kliem iebes, dirett ħafna u f'kuntrast ma' xulxin: Hekk il-profeta joħroġ il-qawwa tal-messaġġ li jkun irid iwassal. Lupu – ħaruf; leopard – gidi; għoġol u ferħ ta' iljun; baqra - u l-ors; iljun – gendus; lifa – serp – qanfud; ngħam – xakalli. Jaf ukoll bit-tlitt sdati tal-bhejjem: ħarufa għabura u nagħġa; jaf id-differenza bejn il-gendus u l-barri.

Anke fejn jidħol l-ikel, Isaija jsemmi l-baqta, l-għasel, iż-żejt taż-żebbuġa, l-inbid bnin, il-ġobon u ż-żibda, jew butir magħmul minn ħalib pur u bnin tal-bhejjem tagħhom stess.

Xejn anqas it-tagħrif tiegħu dwar art twelidu u l-inħawi ta' madwarha, Isaija jaf bihom sew. Għalhekk huwa jsemmi lil Ġerusalemm, Ġuda, Sijon, Samarija, Betlehem jew Ariel, Eġittu, Assirja, Damasku, Efrajm, Babilonja; jaf bid-deheb ta' Ofir, ħrief minn Sela, suppervja tal-Mowab, Etjopja u Edom, bil-baqar ta' Basan.

B'dan il-vokabularju hekk wiesa' li jħaddan kull taqsima tal-ħajja, il-profeta kien iwassal b'qawwa kbira l-messaġġ li jasallu mis-sema.

Dan il-bassar, jidher li sa mill-bidu tal-messaġġ tiegħu, ried li jkun wieħed ta' sliem, għaqda, imħabba u kuraġġ. Għal Isaija il-gwerer, il-mibegħda, l-inġustizzji soċjali, u l-aktar meta dawn isiru ma' l-armla, ma' l-iltim mal-fqir u batut, kif ukoll mal-barrani, kollha jġibu firda, mibegħda u disperazzjoni. Din il-kwalità ta' mġiba tbiegħed lill-bniedem minn Alla li ħalqu. Għalhekk Isaija jgħid: "Huma għad ibiddlu ix-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel" (Is 2,4).